MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 65/2004

**A**

**vs.**

**B**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta’ Marzu 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici hija legalment separata minn mal-konvenut B permezz ta’ kuntratt notarili fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Camilleri datat 13 ta’ Frar 2003; Dok. “GD1”;

Illi qabel it-13 ta’ Frar 2003 l-attrici kienet ilha separata *de facto* minn ma’ l-istess konvenut B u minnu l-boghod ghal cirka tlett snin;

Illi f'Ottubru 2000 hija kienet bdiet relazzjoni mal-konvenut l-iehor B liema relazzjoni ghada serja sallum, u mil-liema relazzjoni twieldet it-tifla A fl-4 ta' Ottubru 2003 (Dok. "GD2"), liema tifla minuri hija allura l-wild naturali u bijologiku tal-istess konvenut B (certifikat tat-twelid ta' B huwa hawn anness bhala Dok. "GD3");

Illi c-certifikat tat-twelid skorrettement jindika bhala missier il-minuri A lill-konvenut B;

Illi hemm ghalhekk lok li c-certifikat tat-twelid tal-istess minuri A jigi emendat fis-sens illi l-paternita' ta' l-istess minuri tkun korrettement tirrispekkja u tikkonfroma mal-fatt illi l-imsemmi B huwa l-missier naturali tal-minuri A;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri A mhiex it-tifla naturali tal-konvenut B, zewgt l-attrici ommha, izda hija t-tifla naturali tal-konvenut l-iehor B b' mod li hemm lok ghall-korezzjoni ta' l-att tat-twelid tal-istess minuri f' dan is-sens;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku *tramite* l-ufficjal talvolta nkarigat, skond il-kaz, sabiex jaghmel dawk l-annatazzjonijiet kollha mehtiega skond il-kaz fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku Valletta (Malta) jew Victoria (Ghawdex) sabiex issir il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid tal-minuri A, numru 293 tas-sena 2003, sabiex il-paternita' tal-minuri tigi korrettement rispekkjata fl-istess att u dana billi fil-kolonna fejn jinsabu mnizzla l-konnotati ta' missier il-wild, il-konnotati tal-konvenut B jigu kancellati u minflok jigu mnizzla l-konnotati tal-konvenut B hekk kif jirrizultaw mill-provi migbura f' din il-kawza;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol 3 *et seq.* tal-process.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fid-9 ta’ Marzu 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-partijiet ghoxrin (20) gurnata sabiex jipprezentaw il-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 5 ta’ Marzu 2005, a fol. 16, talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tahtarha bhala kuratrici *ad litem* sabiex tirraprezenta lill-minuri A fil-kawza.

Rat id-digriet datat 9 ta’ Marzu 2004, a fol. 17 fejn il-Qorti laqhat it-talba w ordnat lill-attrici tipprezenta l-affidavit kollha taghha fi zmien ghoxrin (20) gurnata.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 21 ta’ April 2004, a fol. 18 tal-process fejn eccepixxa :-

1. Illi fil-mertu ta’ l-ewwel talba huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fir-rigward tat-tieni talba l-esponent m’ huwiex il-legittimu kontraditur peress illi l-Att tat-Twelid in kwistjoni huwa registrat fir-Registru Pubbliku (Ghawdex) u l-korrezzjoni trid issir minnu b’ azzjoni apposita fil-Qrati ta’ Ghawdex;

3. Illi bla pregudizzju ghat-tieni eccezzjoni hawn fuq esposta:

(a) Jekk it-talbiet attrici jigu milqugha l-konvenut B ikun irid jitnizzel bhala *“missier illegittimu”* u l-kliem *“the said”* iridu jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni;

(b) L-attrici ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha tal-konvenut B biex jekk it-talbiet attrici jigu

milqugha dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att ta’ Twelid in kiwistjoni u;

(c) Ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

4. Illi fi kwalunkwe kaz din il-kawza m’hiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti;

5. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu u l-lista tax-xhieda a fol. 20, fol. 21 u fol. 22 tal-process.

Rat il-verbal datat 12 ta’ Mejju 2004, fejn l-attrici tat ruhha b’notifikata bl-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku. Il-konvenut B gie notifikat seduta *stante* barra l-Awla (peress li kien bla glekk) bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza. Dr. Noel Bartolo ghall-attrici prezenta l-affidavit attrici kollha u ghadda kopja lill-kontro-parti. Dr. Roma D’ AlesB kellha tipprezenta nota fi zmien ghaxart (10) ijiem dwar l-artikolu li a bazi tieghu resqet it-tieni eccezzjoni.

Rat in-nota tal-attrici datata 12 ta’ Mejju 2004, a fol. 25 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha u tal-konvenut B.

Rat in-nota tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 14 ta’ Mejju 2004, a fol. 31.

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern skond il-ligi datata 18 ta’ Gunju 2004.

Rat li l-konvenuti B u B ghalkemm notifikati bic-citazzjoni attrici ma’ pprezentaw l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk baqaw kontumaci, ghalkemm in verita' l-konvenut B pprezenta l-affidavit tieghu datat 5 ta’ Mejju 2004 fejn ammetta li l-minuri hija tieghu u dejjem tratta bhala bintu u haseb ghall-manteniment taghha.

Rat il-verbal datat 19 ta' Ottubru 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar 2005 fejn ir-rikors tal-attrici datat 26 ta' Mejju 2004 gie degretat seduta *stante* u l-Qorti laqghat it-talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' April 2005.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 26 ta' Mejju 2004, a fol. 36, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tornda illi fit-tieni talba attrci wara l-kliem "Konsegwentement Tordna" jizdiedu " lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku *tramite* l-ufficjal talvolta inkarigat, skond il-kaz, sabiex jaghmel dawk l-annotazzjoni kollha mehtiega skond il-kaz fl-Ufficju tar-Regitru Pubbliku Valletta (Malta) jew Victoria (Ghawdex) sabiex issir" u dana *inter alia ai termini* tal-**artikolu 175(1) Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** minghajr htiega ta' notifika ta' dan ir-rikors lill-konvenuti, *stante* li z-zieda mitluba b' ebda mod ma teffettwa la l-meritu u lanqas id-difiza tal-kaz.

Rat id-digriet datat 27 ta' Mejju 2004, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 14 ta' Gunju 2004.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 17 ta' Frar 2005 u d-digrieti kollha l-ohra relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li bintha A mhux il-wild naturali ta' dak li kien darba zewgha, l-konvenut B, li minnu hija legalment separata permezz ta' kuntratt pubbliku datat 13 ta' Frar 2003 fl-atti tan-Nutar

Liza Camilleri, li hu esebiet minn fol. 5 sa 7 tal-process bhala Dok. “GD 1”.

Illi fil-fatt l-istess attrici proprju u *nomine* qed isostni li l-istess tifla hija bint naturali tal-konvenut l-iehor B, li *in verita’* jammetti t-talba attrici anke fl-affidavit tieghu minnu mahluf u pprezentat. Ghalhekk l-istess attrici *nomine* qed titlob li jigi ordnat it-tibdil mehtieg fic-certifikat tat-twelid ta’ A li jkun jirrifletti r-realta’ dwar il-paternita’ taghha.

Illi jidher car li l-attrici qed tipprevalixxi ruhha mill-**artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*“Il-legittima’ ta’ tifel imwieled matul iz-zwieg tista’ tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibbilta’ fizika li jghammar ma’ martu minhabba li kien il-boghod minnha”.*

Illi ma hemm l-ebda dubju l-attrici ghandha kull interess kemm bhala omm u kemm ghan-nom ta’ l-istess bintha li l-istess minuri tigi indikata bil-parentela reali taghha, la darba zewgt l-attrici ma huwiex l-missier proprju ta’ l-istess tarbija. Huwa fl-interess fuq kollox tal-minuri stess ghan-nom ta’ min saret din il-kawza.

Illi fil-fatt jidher li l-attrici istitwiet din il-kawza wkoll ghan-nom tal-istess minuri, u taht dan l-aspett ma hemm l-ebda dubju li l-istess minuri ghandha interess qawwi li tistabbilixxi l-verita’ dwar il-paternita’ taghha, u dan dejjem fl-ambitu tar-regoli stabbiliti fil-ligi nostrali, w in partikolari jehtieg li tigi sorvolata d-disposizzjoni tal-**artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

*(1) “Hadd ma jista’ jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta’ stat li jaqbel ma’ dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, hadd ma jista’ jattakka l-istat tal-iben legittimu ta’ tifel li jkollu l-pussess ta’ stat li jaqbel ma l-att tat-twelid tieghu”.*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipproteggi l-istat ta' legittimita' tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrizzjoni wkoll tal-hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben jew bint l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. (FGC) 10 ta' Mejju 1996) inghad li:-

*"Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkummenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … … …". "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l' incarnazione della formula solenne 'pater is est quem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e' tanto un dettato dell' antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall' esperienza di molti secoli, si e' attentuato il legistatore patrio, e percio' nell' articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il matrimonio"* - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76).

Illi in effetti l-**artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorrispondi mal-**artikolu 159 tal-Kodici Taljan**) jipprovdi li:

*"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ittentata mill-minuri hija wahda minn tlett azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita' ta' l-ulied u cioe':

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa indikat bhala

missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-presunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni nghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952):-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi."*

*"It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibbilta' fizika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza".*

*"Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibbilta' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (AJM) 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu il-possibbilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun*

*ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibbilta' li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' impunjazzjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess minuri peress li hija disponibbli ghal min ghandu interess, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni abbazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-i*status* ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittenta skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa jkun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA. (RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibbilta' fizika, hija wkoll kondizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatti fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna indikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, <u>hadd</u> ma jista' jattakka dan l-istat abbazi tal-**artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-

impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provvedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi l-attrici tghid li l-unika persuna li kellha relazzjonijiet intimi maghha wara li sseparat *de facto* minn zewgha kienet B. Fil-fatt hija tghid li kienet ilha separata bhala fatt minn ma' zewgha mis-sena 2000 u ghalhekk kien ilha almenu minn dak iz-zmien ma' jkollha relazzjonijiet ma' zewgha, llum separata minnu.

Illi jidher mhux kontradett li l-istess attrici kellha relazzjoni intima u sentimentali mal-konvenut B sa minn Ottubru 2000 u din ir-relazzjoni jidher li ghadda sejra sallum, kif ammess mill-istess attrici u l-konvenut B. Illi frott ta' din ir-relazzjoni fl-4 ta' Ottubru 2003 twieldet bintha A li minkejja kollox inghatat il-kunjom ta' Ingargiola. Minkejja dan l-attrici kkonfermat li l-missier naturali ta' din bintha huwa l-konvenut B. Huwa dejjem ha hsieb tat-tifla bhala bintu minn meta twieldet u dejjem qeda' dmiru lejha bhala missier. Min-naha l-ohra zewgha, l-konvenut l-iehor, mhux missier ta' din it-tifla ghax l-attrici ssostini li kien ilu ma jkollha x'taqsam mieghu sesswalment, minn meta nfirdet mieghu *de facto* u dan kien ghal habta ta' Ottubru 2000.

Illi **B** ghalkemm gie notifikat bic-citazzjoni attrici fit-12 ta' Mejju 2004, ma prezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet.

Illi **B** kkonferma dan kollu u xehed li ilu f'relazzjoni serja u kontinwa ma' l-attrici A D'Anastasi ghal dawn l-ahhar erba' snin. F'dan iz-zmien xehed li kellhom tarbija, A li twieldet fl-4 ta' Ottubru 2003. L-istess B qed jiehu hsieb it-trobbija taghha u li ilu jaghmel dan mill-gurnata li twieldet, jaraha kuljum u jipprovdi ghall-bzonnijiet kollha taghha bhala missier.

Illi minn dan kollu rrizulta li fit-terminu ndikat fil-ligi l-konvenuta ma kinitx qed tghix ma' zewgha B. Hija kienet ilha separata *de facto* minn 2000 u kienet fi zmien il-koncepiment tat-tarbija f'relazzjoni mal-konvenut B. Mhux hekk biss talli l-konvenut B xehed li ilu f'relazzjoni serja mal-attrici u li twelditilhom bint li jiehu hsieb il-bzonnijiet taghha huwa. Fil-fatt A D'Anastasi u B kienu ilhom ma jghixu flimkien mis-sena 2000, isseparaw legalment b'kuntratt fit-13 ta' Frar 2003 u f'dan iz-zmien kollu A D'Anastasi kellha relazzjoni mal-konvenut l-iehor B, b'hekk li din il-Qorti thoss li ma' hemm l-ebda dubju li l-minuri hija fil-fatt bint naturali u legali tal-konvenut B u mhux tal-konvenut l-iehor B.

Illi ghalhekk minn dan jidher li r-rekwiziti tal-**artikolu 77 tal-Kap 16** gew ilkoll sodisfatti *stante* li fit-terminu ndikat fl-istess artikolu dak li darba setgha jinghad li kien r-ragel ta' A D'Anastasi qatt ma kellu relazzjoni mal-istess martu u dan kollu skond l-interpretazzjoni tal-istess **artikolu 77** moghtija u kkonfermata diversi drabi minn dawn il-Qrati tant li dwar il-kuncett ta' *"impossibilita' fizika"* hemm indikata fl-istess dispozizzjoni tal-ligi, wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Ronald Bray vs Charmaine Bray et"** (P.A. (N.A.) 19 ta' Novembru 1997) fejn inghad li *"l-impossibilita' fizika li ghaliha hemm referenza ghandha tkun wahda li setghet taffetwa b'xi mod il-koncepiment tat-tarbija"* **( "Noelle Spiteri vs Ernest Cilia"** P.A. (N.A.) 30 ta' Jannar 1998; **"Francis sive Frank Xuereb vs Maria Bonello"** P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002).

Illi kwindi rrizulta li t-talbiet attrici gew ippruvati u gie ghalhekk ippruvat li l-istess minuri ma hijiex il-bint naturali tal-konvenut B izda l-bint naturali tal-konvenut B, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha b'dan li

jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji sabiex l-istess minuri ma tibqax tigi ndikata bhala bint il-konvenut B, izda l-wild naturali ta' B u tal-attrici A D'Anastasi. Illi gie wkoll ppruvat li l-istess minuri qatt ma' kellha l-istat ta' bint legittima, u fil-fatt dejjem trabbiet bhala bint B u minnu. Jidher li l-konvenut l-iehor lanqas biss qatt iltaqa' maghha u wisq inqas jafha jew b'xi mod pprovda ghaliha.

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku in kwantu l-istess jew uhud minnhom jistghu jikkontrastaw mat-talbiet attrici, u fil-kontumacja tal- tal-konvenut B  u fuq l-ammissjoni tal-konvenut B, dan ta' l-ahhar permezz ta' affidavit tieghu datat 5 ta' Mejju 2004, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri A li twieldet fl-4 ta' Ottubru 2003 mhiex it-tifla naturali tal-konvenut B, zewgt l-attrici, izda hija t-tifla naturali tal-konvenut l-iehor B b' mod li hemm lok ghall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid tal-istess minuri f' dan is-sens li l-istess B jigi ndikat bhala l-missier ta' l-istess tifla;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku *tramite* l-ufficjal talvolta nkarigat, skond il-kaz, sabiex jaghmel dawk l-annatazzjonijiet kollha mehtiega skond il-kaz fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku Valletta (Malta) jew Victoria (Ghawdex) sabiex issir il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid tal-minuri A, numru 293 tas-sena 2003, sabiex il-paternita' tal-minuri tigi korrettement rispekkjata fl-istess att u dana billi fil-kolonna fejn jinsabu mnizzla l-konnotati ta' missier il-wild, il-konnotati tal-konvenut B jigu kancellati u minflok jigu mnizzla l-konnotati tal-konvenut B, bin Bartholomeo u Maria Dolores nee' Vella, imwieled Pieta' u residenti San Gwann, u konnotati ohra tieghu skond il-Karta ta' l-Identita' tieghu Numru 199380 (M) u wkoll li fl-istess certifikat tat-twelid tal-minuri jithassru l-kliem *"of the said"*  mill-kolonna li tirreferi ghall-konnnotati ta' omm l-minuri, l-attrici odjerna proprju u jigu inseriti

dettalji ohra tal-konvenut B bhala missier l-istess minuri hekk kif jirrizultaw mill-provi migbura f'din il-kawza,

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) t'ijiem minn dak inhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-attrici proprju u minn B, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenuti l-ohra jew lill-minuri.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------